**NOMINA TA' DOTT. SIMON CACHIA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAS-SLOVAKKJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandha s-Slovakkja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?**

**2. Bħala ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn is-Slovakkja u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Bir-rispett, ser inwiegeb domandi 1 u 2 flimkien, ghal kontinwita` u koerenza fir-risposti tieghi.

L-akbar sfidi li ghandha s-Slovakkja, bhal bqija tad-dinja u tal-Ewropa, huma dawk relatati mal-pandemija tal-Covid-19. F'dawn l-ahhar gimghat is-Slovakkja kellha zieda qawwija fil-kazijiet tal-Covid-19 u b'hekk l-isfdi relattivi f'dan il-pajjiz huma prezentement kbar hafna. Is-Slovakkja ghandha wkoll sfidi relatati mal-inugwaljanza socjali, partikolarment fir-rigward tal-popolazzjoni Roma (liema sfidi zdiedu minhabba l-pandemija) u mat-tishih tad-drittijiet funadamentali tal-bniedem u s-saltna tad-dritt. *Inter alia* permezz ta' riformi legislattivi, *policies* ekonomici u fiskali, u zieda fir-rizorsi, s-Slovakkja qed tipprova tindirizza dawn l-isfidi, inkluz bl-ghajnuna u bl-intervent ta' istituzzjonijiet internazzjonali bhall-Unjoni Ewropeja u l-Kunsill tal-Ewropa, li taghhom hi membru.

Apparti l-Oggettivi Strategici u l-Principji ta' Gwida ezistenti tal-Ministeru ghall-Affarjiet Barranin u Ewropej, il-Ministeru ghadu kemm hareg Dokument Strategiku li jfassal il-Politika Barranija ta' Malta sas-sena 2023 (dan id-Dokument Strategiku ghadu f'fazi ta' konsultazzjoni pubblika). Dan id-Dokument Strategiku fih tliet oggettivi strategici principali: (i) Valuri ta' appogg, benessere u prosperita` tac-cittadini Maltin (ii) Il-promozzjoni tal-paci, sigurta` u djalogu (iii) Li jigu immassimizzati l-opportunijajiet ghal influwenza f'regjuni strategici u fora multilaterali. Entro t-termini ta' dawn id-dokumenti u entro d-direttivi u s-setghat moghtija lili mill-Ministeru ghall-Affarjiet Barranin u Ewropej bhala ambaxxatur, jiena behsiebni nahdem sabiex ir-relazzjonijiet bejn Malta u s-Slovakkja jibqghu tajbin u jissahhew. Behsiebni nkun pro-attiv kemm jista' jkun u nidentifika u nsahhah elementi jew opportunitajiet li jistghu ikunu ta' beneficcju ghal Malta u naghti l-assistenza kollha tieghi sabiex dawn jigu diskussi, negozjati, konkluzi u miksuba.

Entro l-oggettivi strategici tal-Ministeru ghall-Affarjiet Barranin u Ewropej fuq imsemmija, bhala ambaxxatur jiena behsiebni nohloq relazzjonijiet godda jew insahhah ir-relazzjonijiet bejn l-entitajiet governattivi/awtoritajiet, is-socjetajiet civili, il-kommunitajiet kummercjali u *stakeholders* ohra ta' Malta u s-Slovakkja, u nahdem sabiex inwassal dak kollu li Malta ghandha x'toffri. Dawn ir-relazzjonijiet mhux biss izidu u jtejbu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn dawn iz-zewg pajjizi, izda jsahhu u jibnu l-qafas ghal relazzjonijiet kummercjali. Wiehed ghandu jirrimarka ukoll illi l-oggettivi strategici tal-Ministeru ghall-Affarjiet Barranin u Ewropej fuq imsemmija jirrikjedu ukoll illi fil-politika barranija jigu promossi l-valuri, l-principji, l-identita`, l-kultura, l-lingwa, u t-talenti ta' Malta u tal-Maltin, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni u shubijiet ma' pajjizi ohra. Fl-ambitu ta' rabtiet

socjali, inzid ukoll illi l-fehim u l-apprezzament ta’ kulturi differenti huma valuri importanti fil-relazzjonijiet bejn pajjizi, għaliex permezz ta’ kollaborazzjoni kulturali wieħed jifhem soċjetajiet u kulturi differenti, iżid il-ħbiberija, itejjeb ir-relazzjonijiet, u jigu evitati l-kunflitti. Mod idoneju kif jista' jinkiseb is-suespost kollu huwa permezz ta' laqghat, formali jew informali, fizici jew virtwali, u l-organizazzjoni, promozzjoni u attendenza ta' attivitajiet, u kull tip ta' *networking* iehor, u billi wiehed ikun pro-attiv kemm jista' jkun. Jiena bihsiebni nuza l-hiliet, l-esperjenza, l-kwalifici, u l-energija kollha tieghi sabiex nwettaq dawn l-oggettivi fuq imsemmija.

Malta u s-Slovakkja ilhom hafna b'relazzjoniijiet tajbin bejniethom u dawn issahhew ghaliex dawn iz-zewg pajjizi huma t-tnejn Membri tal-Unjoni Ewropeja (kif ukoll ta' diversi organizazzjonijiet internazzjonali ohra). Malta u s-Slovakkja fil-fatt it-tnejn issiehbu fl-Unjoni Ewropeja fl-1 ta' Mejju 2004. Malta kienet ukoll *inter alia* appoggjat is-Slovakkja biex din tal-ahhar tissieheb fiz-zona Ewro. Ir-rabtiet tajbin li jezistu bejn Malta u s-Slovakkja ghandhom jintuzaw sabiex din tal-ahhar tappogja lil Malta u l-posizzjoni ta' Malta fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet li jistghu iqumu fl-ambitu tal-Unjoni Ewropeja jew organizazzjonijiet internazzjonali ohra, jew fl-isfera mondjali jew regjonali, li jistghu ikollhom effett pozittiv jew negattiv fuq Malta.

**3. X’taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u s-Slovakkja? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

**5. Kif tara li Malta u s-Slovakkja jistgħu jikkollaboraw, b’mod partikolari fuq l-aspett agrikolu u turistiku? Tara li hemm lok fejn b’xogħlok bħala ambaxxatur tkun tista’ tħeġġeġ kollaborazzjoni f’dan is-settur?**

Bir-rispett, ser inwiegeb domandi 3 u 5 flimkien, ghal kontinwita` u koerenza fir-risposti tieghi.

Bhal Malta, ghas-Slovakkja s-settur tas-servizzi u l-investiment barrani huma importanti hafna. M'mod partikolari u bhal Malta, s-Slovakkja qed tippromwovi s-swieq tal-informatika, *cybersecurity* u tal-*high-tech services* u s-Slovakkja diga` ghanda fi hdana kumpanniji multilaterali f'dawn l-oqsma. Fil-kamp tal-industrja, suq ewlieni ghas-Slovakkja huwa dak tal-inginjerija elettrika - dan huwa suq relevanti hafna ghal Malta ukoll. Ta' min jirrimarka illi fis-sena 2020, fost il-prodotti principali li gew impurtati Malta mill-Islovakkja u esportati lejn is-Slovakkja minn Malta hemm fil-fatt il-makkinarju u l-apparat elettriku, kif ukoll makkinarju u *appliances* mekkanici. is-Slovakkja hi produttur ewlieni ta' karozzi u dawn jigu esportati lejn Malta ukoll. L-agrikoltura hi ukoll settur importanti ghas-Slovakkja, partikolarment il-qamh, u fost il-prodotti l-iktar impurtati mill-Islovakkja lejn Malta fis-sena 2020 hemm fil-fatt prodotti tad-dhin. Il-prodotti farmacewtici huma l-prodotti l-iktar esportati minn Malta ghall-Islovakkja. Hemm ghalhekk lok ghal zvilupp, sinergiji, u kollaborazzjoni ulterjuri f'dawn l-oqsma, mhux biss kummercjali/ekonomiku, izda ukoll qsim ta' gharfien u *best practices*. Il-fatt li Malta u s-Slovakkja huma membri tal-UE hu vantaġġ kbir sabiex jissudaw ruhhom u jitwettqu dawn ir-relazzjonijiet kummercjali. Il-Brexit fetah opportunitajiet ulterjuri ukoll.

Minhabba l-posizzjoni geografika taghha u minhabba r-relazzjonijiet li ghandha mal-pajjizi tal-Afrika ta' Fuq, Malta tista` tkun il-pont ghal kummerc bejn is-Slovakkja u l-Afrika ta' Fuq.

Similment, is-Slovakkja tista' ssir pont u tghin biex isir il-kummerc bejn Malta u l-pajjizi tal-Ewropa tal-Lvant l-ohra (partikolarment dawk li jmissu mas-Slovakkja) u dana in vista tal-posizzjoni geografika tas-Slovakkja u r-relazzjonijiet li ghandha ma' dawn il-pajjizi.

Zgur li suq iehor importantissimu ghal Malta u fejn hemm lok ta' sinergiji ulterjuri huwa dak tat-turiżmu. Qabel il-pandemija n-numru ta' turisti Slovakki li kienu qed jigu Malta kien qed jizdied sew, izda minhabba l-pandemija dawn in-numri naqsu u rridu nahdmu sabiex dawn jergghu jitilghu. Il-fatt li Malta u s-Slovakkja huma diversi ħafna fil-klima, kultura u storja (izda l-bicca l-kbira taz-zewg popolazzjonijiet jafu l-Ingliz) zgur jghin biex Malta tattira iktar turisti mis-Slovakkja, partikolarment fis-sajf. Ta' min izid illi s-Slovakkja hi *landlocked* u ghalhekk zgur li l-bahar taghna ghandu jattira turisti Slovakki.

Il-pandemija ukoll naqset in-numru ta' studenti Slovakki li jigu Malta biex jistudjaw l-Ingliz. Fid-dinja tal-lum l-Ingliz hawa importanti hafna ghas-Slovakki, specjalment ghall-istudenti u l-*workforce* taghha. Il-klima u l-gharfien tal-linga Ingliza tghinna nikkompetu tajjeb mal-Ingilterra f'dan is-suq.

Kif spjegat fir-risposti precedenti u sussegwenti [vide] jien behsiebni nahdem, in kollaborazzjoni mal-entitajiet/awtoritajiet Governattivi u *stakeholders* ohra sabiex jissahhew ir-relazzjonijiet kummercjali u l-kollaborazzjonijiet fuq imfissra.

**4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Hemm diversi trattati bejn Malta u s-Slovakkja u xi whud minnhom sehhew sahansitra qabel l-1993 [is-sena meta s-Slovakkja infirdet minn mar-Repubblika Ceka]. Ta' importanza huwa t-Trattat ghall-Ezenzjoni mill-Hlas ta' Taxxa Doppja. Ukoll, ricentement gie fis-sehh ftehim ghall-Protezzjoni Reciproka ta' Informazzjoni Ikklassifikata.

Fl-1 ta' Mejju 2004 Malta u s-Slovakkja issiehbu fl-Unjoni Ewropeja u t-trattati u l-ligi tal-Unjoni Ewropeja illum ghandhom mansjoni wiesa' u jirregolaw diversi setturi. Malta u s-Slovakkja mhux biss huma t-tnejn membri tal-Unjoni Ewropeja, izda wkoll ta' diversi organizazzjonijiet ohra bhal Kunsill tal-Ewropa, n-Nazzjonijiet Uniti, l-OSCE, u d-WHO u marbuta bir-regoli relattivi.

**6. Tista’ telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Minn Marzu 2015 sa Awwissu 2017 jiena kont membru tal-korp diplomatiku bhala l-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja u kont ibbazat fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussell. Din il-kariga kienet tikkonsisti f'xoghol diplomatiku mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja u mal-Istati Membri l-ohra u kont nikkoordina l-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tax-xoghol tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja minn gewwa Brussell. F'dawn l-ahhar sena u nofs jiena ukoll ipprestajt servizzi legali lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej. Esperjenza ohra relevanti hi imfissra aktar l'isfel.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **In vista tar-relazzjonijiet tajba li pajjiżna żviluppa mas-Slovakkja, tista' tindikalna x'passi beħsiebek tieħu sabiex dan jkompli jissoda ruħu?**

   Jiena behsiebni nahdem sabiex insahhah ir-relazzjonijiet ezistenti u nohloq relazzjonijiet godda ma' u bejn l-entitajiet governattivi/awtoritajiet, socjetajiet civili, kommunitajiet kummercjali u *stakeholders* ohra relevanti tas-Slovakkja u Malta. Behsiebni nahdem ukoll sabiex inwassal u nippromwovi dak kollu li Malta ghandha x'toffri u niddentifika possibilitajiet ta' kollaborazzjoni u opportunitajiet godda li jistghu ikunu ta' beneficcju jew pozittivi ghal Malta, u naghti l-assistenza kollha tieghi [inkluz diplomatika u legali] sabiex dawn jigu diskussi, negozjati, konkluzi u miksuba. L-aqwa mod kif dan jinkiseb huwa permezz ta' laqghat, formali jew informali, fizici jew virtwali, u l-organizazzjoni, promozzjoni u attendenza ta' attivitajiet, u kull tip ta' *networking* iehor, u billi wiehed ikun pro-attiv. Dawn ir-relazzjonijiet u t-tishih taghhom mhux biss izidu u jtejbu r-rabtiet bejn dawn iz-zewg pajjizi, izda jsahhu u jibnu l-qafas ghal relazzjonijiet politiċi, soċjali u kummercjali iktar b'sahhithom, godda jew ulterjuri. Jiena bihsiebni nuza l-hiliet, l-esperjenza, l-kwalifici, u l-energija kollha tieghi sabiex nwettaq is-suespost.

   Meta kont il-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja, jien kont nahdem mill-qrib u ta' kuljum ma' diversi diplomatici u ufficjali Slovakki. Dan partikolarment ghaliex is-Slovakkja kellha l-presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja [Lulju sa Dicembru 2016] ezatt qabel dik ta' Malta [Jannar sa Gunju 2017] u l-presidenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja jahdmu fi gruppi ta' tlieta [msejha "trio"]. L-Olanda, is-Slovakkja, u Malta kienu jiffurmaw it-"trio" relattiv - l-iskop li presidenzi successivi jahdmu fi gruppi ta' tlieta huwa principalment sabiex ifasslu pjan ta' hidma ta' sena u nofs ["Trio Programme"] u jkun hemm kontinwita` fit-twettiq tieghu. Din l-esperjenza ta' xoghol mill-qrib u kuntatti ma' diplomatici u ufficjali Slovakki zgur tista` li tkun ta' ghajnuna.

2. **In vista tal-esperjenza li għandek kif ukoll li tul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda għall-interess ekonomiku ta' pajjizna fis-Slovakkja u viċe versa x'jista' jsir iktar biex dan jikber u jkollu riżultati iktar konkreti?**

   Kif imfisser f'risposti precedenti, hemm setturi ekonomici komuni li huma importanti kemm ghal Malta u kemm ghas-Slovakkja, jew li dawn iz-zewg pajjizi qed jew jixtiequ jizviluppaw jew jesploraw ulterjorment, bhal: servizzi (partikolarment l-informatika, *cybersecurity*, servizzi finanzjarji u *high-tech services*), l-investiment barrani, l-inginjerija elettrika u t-turizmu. Dan tal-ahhar huwa partikolarment importanti ghal Malta, kif inhu relevanti wkoll is-suq tat-tghalim tal-Ingliz gewwa Malta. B'zieda ma' dak diga` mfisser f'risposti precedenti, hemm ghalhekk lok ghal aktar sinergiji, kollaborazzjoni, qsim ta' gharfien u *best practices*, u zvilupp f'dawn l-oqsma kollha, kif ukoll oqsma ohrajn. Il-Ministeri u l-awtoritajiet responsabbli ghall-ekonomija u ghall-kummerc, kif ukoll il-komunitajiet kummercjali (u l-organizazzjonijiet li jirraprezentawhom) gewwa Malta u s-Slovakkja, bl-ghajnuna u bl-intervent tad-diplomatiku [kif imfisser fir-risposta precedenti], ghandhom jahdmu

sabiex jilhqu dawn l-oggettivi u tizdied u tissahhah l-attivita` ekonomika bejn dawn iz-zewg pajjizi. Iridu jinbnew jew jissahhu r-relazzjonijiet f'kull livell relattiv.

Malta u s-Slovakkja ghandhom jahdmu sabiex jinfurmaw lil xulxin b'dak kollu li ghandhom x'joffru (partikolarment f'dawk is-setturi ta' interess reciproku), jippromwovuh, jiddentifikaw kif il-vantaggi ta' wiehed jistghu ikunu utli ghall-iehor jew utilizzati mill-iehor, u jahdmu sabiex isahhu l-kollaborazzjoni reciproka. Malta toffri qafas ta' servizzi finanzjarji, struttura teknoloġika avvanzata u aċċess għal nies kwalifikati u li jitkellmu tajjeb bl-Ingliż u lingwi oħra - elementi bhal dawn ghandhom jigu imfissra u promossi sabiex tigi attirata aktar attivita' ekonomika mis-Slovakkja. Il-fatt li Malta u s-Slovakkja huma t-tnejn membri tal-Unjoni Ewropeja jghin hafna sabiex l-attivita` ekonmika bejn dawn iz-zewg pajjizi titkattar. L-Unjoni Ewropeja tipprovdi pjattaforma ghat-tkattir tal-attivita` ekonomika bejn pajjizi membri [b'regoli bhas-suq intern u hieles, mobbilta` hielsa, kooperazzjoni legali u gudizzjarja].

Nicca ohra li wiehed jista` jahdem fuqha hi li Malta tghin u ssir il-pont ghal kummerc bejn is-Slovakkja u l-pajjizi tal-Afrika ta' Fuq u dana in vista tal-posizzjoni geografika ta' Malta u r-relazzjonijiet li ghandha mal-Afrika ta' Fuq. Similment, is-Slovakkja tista' ssir pont u tghin biex isir il-kummerc bejn Malta u l-pajjizi tal-Ewropa tal-Lvant l-ohra (partikolarment dawk li jmissu maghha) u dana in vista tal-posizzjoni geografika tas-Slovakkja u r-relazzjonijiet li ghandha ma' dawn il-pajjizi.

**3. Tista’ tindikalna jekk qattx ħdimt f’materji relatati mal-Unjoni Ewropea?**

Il-ligi tal-Unjoni Ewropeja hi parti mil-ligi ta' Malta. Bhala gradwat fil-ligi u avukat prattikanti jiena mhux biss studjajt il-ligi tal-Unjoni Ewropeja izda nipprattika fiha ta' kuljum fl-ezercizzju tal-professjoni tieghi prezenti ta' avukat. Minn Marzu 2015 sa Awwissu 2017 jiena kont il-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja u kont ibbazat fir-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussell. Din il-kariga kienet tikkonsisti fil-koordinazzjoni tal-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tax-xoghol tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja flimkien mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja. Jiena kont ukoll il-*Mutual Recognition of Qualifications Coordinator* ghal Malta u espert tal-ligi tal-Unjoni Ewropeja dwar ir-rikonoxximent reciproku tal-kwalifici professjonali, u kont nattendi l-laqghat tal-*Group of Coordinators for the Recognition of Professional Qualifications* li huwa grupp ta' hidma tal-Kummissjoni Ewropeja. F'din l-ahhar sena u nofs jiena ukoll ipprestajt servizzi legali lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej, liema Ministeru huwa wkoll responsabbli ghall-materji relattivi ghall-Unjoni Ewropeja.

**4. Kellek parteċipazzjoni fil-laqgħat preparati tul il-Presidenza Maltija?**

Kif fuq imfisser, minn Marzu 2015 sa Awwissu 2017 jiena kont il-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja, ibbazat fir-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussell, fejn kont nikkoordina x-xoghol tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja. Din il-kariga kienet tikkonsisti principalment f'xoghol diplomatiku u laqghat mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja u mal-Istati Membri l-ohra.

5. **X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħrig fid-diplomazija**?

   Minn Marzu 2015 sa Awwissu 2017 jiena kont membru tal-korp diplomatiku bhala l-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja u kont ibbazat fir-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussell. Din il-kariga kienet tikkonsisti f'xoghol diplomatiku kif imfisser fir-risposti precedenti. Jiena kont ukoll il-*Mutual Recognition of Qualifications Coordinator* ghal Malta u espert tal-ligi tal-Unjoni Ewropeja dwar ir-rikonoxximent reciproku tal-kwalifici professjonali, u kont nattendi l-laqghat tal-*Group of Coordinators for the Recognition of Professional Qualifications* li huwa grupp ta' hidma tal-Kummissjoni Ewropeja. F'dan il-grupp ta' hidma tal-Unjoni Ewropeja jien kont nirraprezenta, nahdem u nitkellem f'isem Malta. F'din l-ahhar sena u nofs jiena ukoll ipprestajt servizzi legali lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej. Inzid ukoll illi hafna mix-xoghol ta' ambaxxatur jinvolvi diskussjonijiet u negozjati (inkluz ta' ta' natura legali), kif ukoll assistenza fl-abbozzar ta' konvenzjonijiet u rizoluzzjonijiet - natura ta' xoghol li wettaqt u nwettaq ta' kuljum bhala avukat. Ukoll, elementi ewlenin mix-xoghol prezenti tieghi ta' avukat (li jinkludi litigazzjoni quddiem il-Qrati) huma, ta' kuljum, il-perswazjoni, li niddefendi l-interessi tal-klijenti, in-negozjati, u l-*public speaking* - dawn l-elementi huma parti integrali mix-xoghol tad-diplomatiku.

6. **Qatt gejt assenjat ġewwa segretarjat ta' ministeru jew servejt b'xi mod fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, jew dak tal-Affarijiet Ewropew jew fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru?**

   Minn Marzu 2015 sa Awwissu 2017 jiena servejt fil-korp diplomatiku bhala l-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja u kont ibbazat fir-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussell (li taqa' taht il-kappa tal-Ministeru responsabbli ghall-affarjiet Ewropej), kif fuq imfisser. F'din l-ahhar sena u nofs jiena ukoll ipprestajt servizzi legali lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej.

7. **Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjizna ma' pajjiżi oħra?**

   Iva, meta kont membru tal-korp diplomatiku bhala l-Koordinatur tal-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja gewwa Brussell kif fuq imfisser, kien ikolli din l-interazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja u mal-Istati Membri l-ohra, u nitkellem f'isem il-Presidenza Maltija prattikament ta' kuljum. Bhala l-*Mutual Recognition of Qualifications Coordinator* ghal Malta u espert tal-ligi tal-Unjoni Ewropeja dwar ir-rikonoxximent reciproku tal-kwalifici professjonali, kont nattendi l-laqghat tal-*Group of Coordinators for the Recognition of Professional Qualifications* li huwa grupp ta' hidma tal-Kummissjoni Ewropeja u kont nitkellem, ninnegozja, nitratta u naghmel dikjarazzjonijiet f'isem Malta. Esperjenza ohra relevanti hi imfissra aktar l'fuq.

8. **Qatt tkellimt bħala kelliem ewlieni tal-Gvern f'fora Ewropej jew internazzjonali?**

   Vide, jekk joghgobkom, ir-risposti precedenti.

9. **Tista' tiddeskrivi l-attivitajiet kummerċjali li għandek preżentement? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi konflitt mal-ħidma ta' ambaxxatur?**

   Jien fil-prezent nipprattika l-professjoni ta' avukat f'Malta. M'ghandix kumpanniji jew socjetajiet kummercjali u m'hinix negozjant.

10. **Għandek konoxxenza tajba tal-lingwi fil-post?**

    Apparti l-Malti u l-Ingliz li huma l-*mother tongues* tieghi, jiena nitkellem u nifhem bit-Taljan sew, u ghandi gharfien tajjeb tal-Franciz (inkluz ghaliex hdimt u ghext gewwa Brussel ghal sentejn u nofs), izda mhinix famijari mal-Islovakk. Kif fuq imfisser, is-Slovakkja kellha l-presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja ezatt qabel dik ta' Malta, u flimkien mal-Olanda u Malta kienet tiffurma dan it-"trio" ta' presidenzi. B'hekk jien kont nahdem mill-qrib u ta' kuljum ma' ufficjali u diplomatici Slovakki - dawn kienu jitkellmu Ingliz (u Franciz) tajjeb hafna u l-komunikazzjoni u d-djalogu ta' bejnietna kien eccellenti u minghajr diffikultajiet. B'mod generali, hafna Slovakki jifmhu u jitellmu l-Ingliz.

11. **Għandek konflitti ta' interess oħra?**

    Le.